# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4: Jitwieled għalina**

**Lezzjoni 4.5: Niżlu Jadurawh**



**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiftakru fejn twieled tassew Ġesù.
2. Jifhmu x'għamlu r-rgħajja ta' Betlem.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Tableax: Tfal imlibbsin ta' Marija, Ġużeppi, ir-rgħajja.
- Vidjow-klipp: The Shepherds find Baby Jesus

  http://www.youtube.com/watch?v=bBKkuJujvCM

- Vidjow: L-Ewwel Milied

  http://www.youtube.com/watch?v=J2Q2644_anI

- Action Song:
www.maynardsgroovytunes.co.uk/jukebox/letsgo
- Karta ta' taħriġ: 4.5



**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Fakkar l-istorja tat-twelid ta' Ġesù billi ttella' tableaux bit-tfal tal-klassi. "Ir-Rgħajja" filwaqt li jisimgħu l-*action song.*
- Spjega kif il-veru twelid ta' Ġesù isir ġewwa l-qalbna. Għid lill-istudenti li hemm ħalla l-ferħ, l-għaqda u l-paċi meta niżel fiha.



- Uri l-vidjow: L-ewwel Milied.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

- Uri l- vidjow klipp: *The Shepherds find Baby Jesus*.
- Fakkar lill-istudenti u ħallihom jesperjenzaw ix-xogħol tar-rgħajja sa ma jindunaw għalfejn kienu l-ewwel nies li l-anġlu għarraf bil-miġja tal-Bambin - kienu nies sempliċi. Qalilhom biex imorru jgħidu lin-nies l-oħra.
- Għid lill-istudenti li għandna nkunu bħalhom - lesti biex nagħrfuh u nadurawh. Li dak li nafu nxerrduh lill-oħrajn.
- Iffoka fuq ir-rigali li tawh. Għid lill-istudenti li l-Mulej ma jarax il-kobor, iċ-ċokon, is- sabiħ jew l-ikrah. Il-Mulej Ġesù jħares lejn il-ħsieb ta' warajh, dak li jkollna f'qalbna - l-imħabba bħal dik li wera Hu meta niżel fostna! Hawn spjega kemm għandna għalxiex nħobbu lill-Mulej. Tkellem dwar it-twelid tal-imħabba, tal-ferħ, il-paċi u l-għaqda li nissel il-veru twelid ta' Ġesù Bambin fil-Milied.
- Iftaħ il-ktieb tal-Attivitajiet 4.5 u aqra s-silta mogħtija.

- Stieden lill-istudenti biex fuq bażi ta' klassi jiddiskutu x'għandu jkun hemm fl-istilel. Xi tweġibiet jistgħu jkunu: sempliċi, qalbhom tajba, jħobbu, jemmnu.
- Spjega Attivià B li tista' ssir fi gruppi.
- Aqra Attività C u wara d-diskussjoni fakkar li Ġesu jħobb lil kulħadd, imma l-aktar lil min hu lest biex jilqgħu u jħobbu bħalma kienu lesti li jagħmlu r-rgħajja.



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Meta Ġesù twieled, twieled għal kulħadd kbar, żgħar, għonja jew foqra, suwed jew bojod.
2. Alla għamel hekk biex fina jkollna l-ferħ, l-imħabba, l-għaqda u l-paċi bejnietna. Tajjeb li ngħidu 'grazzi' kbira lil Bambin Ġesù li għażel jinżel fil-qlub tagħna.

**Nagħżlu flimkien (L-attidudni)**

Niftakru li Alla bagħat lil ibnu l-waħdieni. Hu ġie ġewwa qalbna għaliex iħobbna. Għalhekk irridu nisimgħu leħnu fil-qalb tagħna u nxerrduh mal-oħrajn bħalma għamlu r-rgħajja dakinhar ta' Betlem.




**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Niċċelebraw flimkien xi kant/drama:

Uri l-vidjow :

L-Ewwel Milied:

http://www.youtube.com/watch?v=J2Q2



It-tfal jagħlqu l-lezzjoni bil-kant u l-azzjonijiet.

Emfasizza l-imħabba u, l-għaqda u l-ferħ tar-rgħajja fl-għar ta' Betlem.

**Nitolbu**

Grazzi Bambin Ġesù li ġejt ġewwa il-qalb tagħna.

Għinna nifhmu li t-twelid tiegħek jimlina

bl-imħabba, il-ferħ, l-għaqda u l-paċi.

Agħtina l-għajnuna ħalli aħna nxerrduhom

mal-poplu tiegħek bħar-rgħajja ta' Betlem.



Ammen.